MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 715/2009

**Henry Cassar**

**Vs**

**Avukat Generali, Kummissarju tal-Pulizija, Kontrollur tad-Dwana u llum maghruf bhala d-Direttur Generali (Dwana)[1]**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-22 ta' Lulju 2009 l-attur ippremetta:

[1] Il-qorti tordna korrezzjoni (Artikolu 175 tal-Kap. 12) biz-zieda tal-kliem *"u llum maghruf bhala d-Direttur Generali (Dwana)"*.

*1. Illi l-attur jinsab impjegat bhala 'civil servant' u kien stazzjonat id-dwana ghas-servizz tal-konvenut il-Kontrollur tad-Dwana sa mis-sena 1975;*

*2. Illi l-attur ghadda minn proceduri kriminali li wasslu li hu jghaddi minn kumpliazzjoni quddiem il-qrati ta' kompetenza kriminali minn liema proceduri huwa hareg illiberat minn kull akkuza addebitata lilu;*

*3. Illi l-attur sussegwentement kien ressaq rikors kostituzzjonali quddiem il-Prim'Awla Tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet 'Henry Cassar v. L-Avukat Generali' fejn huwa talab rimedju ghaliex ma tharisx id-dritt tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli fejn hu rebah din il-kawza billi dik il-Qorti permezz ta' sentenza datata 27 ta' Frar 2009 iddecidiet illi l-jedd fudamentali tal-attur ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli gie miksur liema sentenza llum hija wahda finali;*

*4. Illi l-attur jirrileva illi tali sentenza certament li halliet impregudikat id-dritt t'azzjoni tieghu li jipprocedi permezz ta' kwalunkwe kawza ohra skond il-ligi;*

*5. Illi l-attur jirrileva illi a kawza ta' dawn il-proceduri kriminali li ttiehdu fil-konfront tieghu huwa fil-frattemp u pendent l-ezitu finali ta' tali proceduri kriminali hu gie maqlugh minn u kif ukoll tilef kull opportunita' fejn gie stazzjonat li hu jaghmel sahra;*

*6. Illi a kawza ghalhekk tali proceduri kriminali li ttiehdu inutilment fil-konfront tal-attur mill-konvenuti jew min minnhom, a kawza tad-dewmien li sehh inutilment f'tali proceduri u a kawza tac-caqliq tal-istess attur minn post tax-xoghol ghall-iehor fil-frattemp l-attur sofra danni;*

*7. Illi ghalkemm il-konvenuti gew debitament interpellati mill-attur, anke permezz ta' protest gudizzjarju [Dok. 'HC1'] ghal liema protest il-konvenuti lanqas biss intavolaw risposta ossia kontro-protest u per konsegwenza dawn baqghu inadempjenti.*

*Għaldaqstant, l-attur jitlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Prevja kull dikjarazzjoni li hija thoss xieraq w opportun, tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghad-danni fil-konfront tal-attur u li l-attur sofra danni a kagun dirett tal-agir tal-konvenuti jew min minnhom hekk kif hawn spjegat;*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur, anke jekk tinhass il-htiega permezz ta' perit nominandi;*

*3. Tordna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu s-somma hekk illikwidata lill-attur.*

Il-konvenuti wiegbu:-

1. *Preliminarjament in kwantu f'din il-kawza r-rikorrent jattakka l-agir tal-amministrazzjoni in kwantu tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati u nbdew kontrih proceduri kriminali allegatament inutli, din l-azzjoni hija intempestiva ai termini tal-artiklu 469A tal-Kap 12, stante li nbdiet hafna wara li skadew sitt xhur mit-tmiem tal-proceduri kriminali, liema proceduri kriminali ntemmu fis-17 t'April 2007;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, rigward l-allegazzjoni tal-atti, tal-proceduri kriminali, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrent mhux jilmenta dwar il-mod kif tmexxew il-proceduri izda dwar il-mod kif inbdew il-proceduri kriminali kontrih. Din hi xi haga li ma tohrogx mill-atti tal-proceduri u ghalhekk l-esponenti mhux jaraw raguni ghaliex din l-allegazzjoni ghandha ssir. Forsi jkun iktar utli jekk ikunu allegati l-atti tal-proceduri kostituzzjonali Rik 64/06, stante li f'dik il-procedura diga' nstemghet certa prova relevant ghal din il-kawza;*

*3. Illi fil-mertu, in kwantu r-rikorrent jallega li l-amministrazzjoni agixxiet b'mod irregolari u hekk qed jitlob danni, l-ewwel ir-rikorrent irid igib prova li l-amministrazzjoni mxiet b'mala fede biex hekk l-intimati jistghu jwiegbu ghad-danni, u dank if jitlob l-artiklu 469A tal-Kap 12 stess. Altrimenti l-amministrazzjoni ma twegibx ghad-danni;*

*4. Illi rigward l-allegazzjoni tar-rikorrent li l-agir tal-Kontrollur intimat kien abuziv ghaliex pendenti l-proceduri, r-rikorrent tmexxa minn taqsima tad-Dwana ghal ohra, l-esponenti jissottomettu li kienet parti mill-kundizzjonijiet tal-impjieg tar-rikorrent li min ihaddmu ghandu d-diskrezzjoni jibghatu jahdem f'liema taqsima jkun mehtieg, skont l-esigenzi u t-tqassim tax-xoghol. Barra minn hekk, fil-kaz odjern, il-Kontrollur tad-Dwana fiz-zmien li sehhu l-grajjiet li taw lok ghall-proceduri kriminali, htieglu jiehu kull mizura necessarja biex jekk kien hemm xi skorrettezzi jew xi mgieba kontra l-ligi min-naha tal-impjegati, din tieqaf immedjatament. Dan aktar u aktar ghaliex il-kaz li sehh ma kienx zghir: l-ghibien ta' madwar ghoxrin container, li mbaghad instabu vojta. Hekk ir-rikorrent u ohrajn ntbaghtu jahdmu f'taqsimiet ohra inqas sensittivi tad-Dwana. Pero' ta' min ighid ukoll li peress li l-proceduri kriminali twalu, ir-rikorrent tnehhietlu l-interdizzjoni u ddahhal lura jahdem b'paga shiha f'taqsima ohra. Iktar tard ukoll, intbaghat jahdem f'taqsima ohra fejn kien iwettaq sahra marbuta ma' dik it-taqsima;*

*5. Illi rigward l-allegazzjoni r-rikorrent tilef is-sahra, l-esponenti jissottomettu li s-sahra mhix dritt tal-impjegat u ghalhekk ma tregix l-allegazzjoni tar-rikorrent li tilef xi sahra. Barra minn hekk, l-esponenti jaghmlu referenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla f'sede Kostituzzjonali fil-kawza li beda r-rikorrent stess, deciza fis-27 ta' Frar 2009, fejn il-Qorti, wara li semghet xi xhieda dwar dan il-punt, sabet li dak li qalghu impjegati ohra m'ghandux x'jaqsam ma' dak li seta' jaqla' r-rikorrent bhala paga u benefikati ohra, ahseb u ara kemm ghandu x'jaqsam mas-sahra li qalghu impjegati ohra;*

*6. Illi rigward ir-rabta li r-rikorrent jaghmel bejn id-dewmien tal-proceduri u d-danni, f'paragrafu 6 tar-rikors promutur, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrent diga' rcieva kumpens ghal ksur tad-dritt ta' smigh xieraq minhabba dewmien fl-ghoti tas-sentenza fil-proceduri kriminali u dan permezz tal-proceduri kostituzzjonali Rik 64/06 decizi fis-27 ta' Frar 2009. F'dawn il-proceduri kostituzzjonali, ir-rikorrent iddikjara li mhux qed jilmenta dwar it-trapass taz-zmien sakemm il-kawza kriminali waslet fi stadju biex tinghata s-sentenza. Ghalhekk issa ma jregix l-argument tieghu li sofra danni minhabba dewmien fil-procedura kollha kemm hi;*

*7. Illi jinghad ukoll li l-fatt fih innifsu li r-rikorrent tressaq fi proceduri kriminali li mbaghad kien liberat minnhom ma jfissirx fih innifsu li tressaq b'mod abuziv jew frivolozament jew b'mala fede. Hu ben maghruf li*

*proceduri civili u iktar u iktar kriminali jintrebhu u jintilfu minhabba diversi fatturi, fosthom l-element important tal-prova u l-element tal-ligi tal-procedura. Pero' dan ma jfissirx li l-proceduri jkunu nbdew b'mod abuziv jew inutilment;*

*8. Illi l-esponenti jissottomettu li r-rikorrent u ohrajn tressqu l-Qorti korrettement u skont il-ligi a bazi ta' investigazzjonijiet li saru kemm mill-Kontrollur tad-Dwana u kif ukoll mill-Kummissarju tal-Pulizija u l-proceduri kriminali nbdew kollha b'bona fede. Wara li l-proceduri hadu l-kors taghhom ir-rikorrent u ohrajn instabu mhux hatja. Pero' certament li l-esponenti kellhom bazi tajba u skont il-ligi fuqhiex jibdew proceduri kriminali kontra r-rikorrent u ohrajn;*

*9. Illi rigward in-nota tal-atturipprezentata fid-19 t'Ottubru 2009 fejn fiha jissemma li r-rikorrent irid li jkunu esebiti loading lists, l-esponenti jissottomettu li dawn il-proceduri civili m'ghandhomx iservu biex jergghu jinfethu mill-gdid xi aspetti tal-proceduri kriminali li llum huma konkluzi.*

B'digriet tat-18 ta' Ottubru 2012 il-qorti laqghet it-talba tal-konvenuti sabiex jaghtu eccezzjoni ulterjuri li:

*"…. l-preskrizzjoni biennali ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema Artikolu jipprovdi illi 'l-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn'"* [fol. 255].

**Kwistjoni**.

L-attur kien gwardjan fid-Dipartiment tad-Dwana. B'din il-kawza talab id-danni minhabba:-

i. Li ttiehdu proceduri kriminali inutilment kontra tieghu. Fl-affidavit qal: *"…. dak li gara lili, sehh ghaliex mid-Dipartiment tad-Dwana l-investigazzjonijiet li saru, ma sarux korrettement u fuq kollox, ma sarux minn persuni imparzjali. Jien konvint illi kieku tali investigazzjonijiet saru kif suppost u kif inhuwa gust, jien certament illi qatt ma kont nitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati, fejn spiccajt hlejt hafna hin u flus tul is-sittax-il sena li domt nistenna biex jinghalq l-kumpilazzjonijiet u jigu decizi l-kawzi"* (fol. 58).
ii. Dewmien ezagerat fil-proceduri;

iii. Li fil-kors tal-proceduri kriminali gie mcaqlaq mill-post tax-xoghol ghall-iehor.

Imbaghad fin-nota ta’ sottomissjonijiet ulterjuri li pprezenta fit-30 ta’ Jannar 2014 qal:-

*"L-esponent qieghed jenfasizza illi huwa qieghed umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna kumpens minhabba t-trasferiment li sehh b’konsegwenza tan-nuqqas ta’ diligenza illi giet ezercitata mill-intimat kontrollur u bil-gudizzju errat tieghu u li minhabba dan l-agir, l-esponent sofra danni".*

**Fatti**.

1. Fl-1975 l-attur beda jahdem id-Dwana bhala gwardjan. Imbaghad fl-1988 sar fizzjal. F’Ottubru 1988 kien beda jahdem gewwa Laboratory Wharf.
2. Kienet inbdiet investigazzjoni dwar hrug illegali ta’ containers minn gewwa Laboratory Wharf, Rahal Gdid. Containers li kienu ddahhlu fuq il-vapur M.V. Pinto u li suppost kienu ntenzjonati ghat-trasbord. Madankollu nstabu vojta f’Belt Il-Hazna, Blata l-Bajada.
3. Fil-5 ta’ Novembru 1991 ittiehdu proceduri kriminali kontra l-attur flimkien ma’ nies ohra (ara fol. 6 tar-rikors 64/2006GV). L-akkuzi kienu jghidu li Henry Cassar kien ghen lil Roger Sullivan sabiex jahrab id-dazji ta’ importazzjoni u restrizzjonijiet ta’ importazzjoni fuq tlett containers, kif ukoll li ghenu jahrab levy fuq l-importazzjoni u restrizzjonijiet ta’ importazzjoni fuq zewg containers.
4. Permezz ta’ ittra datata 28 ta’ Novembru 1991 (fol. 193) il-Kontrollur tad-Dwana gharraf lill-attur li gie nterdett b’sehh mid-29 ta’ Novembru 1991.
5. Permezz ta’ ittra tat-3 ta’ Dicembru 1991 il-Kontrollur tad-Dwana gie nfurmat li skond Regolament 4(2) tar-Regolamenti tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku, l-attur kellu jibda jircievi nofs paga.
6. Il-Kontrollur tad-Dwana kien irrakkomanda li titnehha l-interdizzjoni (ittra tas-27 ta’ Frar 1992). Dan wara ittra datata 21 ta’ Frar 1992 mibghuta mill-Management and Personnel Office fl-ufficcju tal-Prim’Ministru lill-Kontrollur tad-Dwana fejn infurmah: *"As it does not appear that the court cases will be finalised in the immediate future, and as it is not in the public interest to leave public officers interdicted for any length of time during which they will in fact be receiving remuneration without any service being given in return, you may wish to consider recommending the lifting of their interdiction"* (fol. 195).
7. B’ittra datata 30 ta’ Marzu 1992, il-Kontrollur tad-Dwana gie nfurmat li kienet tnehhiet l-interdizzjoni (fol. 198).
8. F’April 1992 l-attur rega’ ddahhal ix-xoghol, fl-*accounts section*. L-attur jilmenta li ma setax jaghmel sahra u dan wassal ghal telf finanzjarju. Sussegwentement b’ordni li nghatat fil-21 ta’ Lulju 2000 l-attur intbaghat

jahdem fil-Baggage Room, u nghatat ordni li ma jaghmilx sahra (fol. 206). Pero' fis-26 ta' Settembru 2000 nghatat ordni li jista' jaghmel sahra (fol. 207).

9. Fil-11 ta' Lulju 1994 inghata digriet mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fejn iddecidiet li kien hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputati jitqieghdu taht att ta' akkuza quddiem il-qorti kompetenti (fol. 200). Fid-digriet il-qorti osservat li f'dak l-istadju kellha *"….. tara l-provi kollha li gew prodotti sa dan l-istadju taht l-aspetti kollha rilevanti ghalih u dan sabiex tasal ghall-konkluzjoni li jekk l-imputati jew imputati jitqieghdu taht att ta' akkuza bazat fuq dak kontenut fir-rapport guramentat tal-pulizija ikunx ragonevolment possibbli prima facie li tinstab htija ossija reita' in rigward l-istess imputati u b'riferenza ghal reat jew reati li joltrepassaw il-kompetenza taghha bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali"*. Kompliet tghid: *"…. din il-Qorti ezaminat il-provi kollha fil-konfront ta' kull imputat individwalment u waslet ghall-konkluzjoni li fil-fatt a bazi tal-provi prodotti sa dan l-istadju, **hemm provi sufficjenti sabiex l-istess akkuzati, kollha hemm huma jitqieghdu taht att ta' akkuza** minghajr li dan b'xi mod jitqies bhala xi decizjoni fuq il-meritu tal-kaz in ezami jew bhala valutazzjoni jew apprezzament tal-istess provi"* (enfazi mizjuda).
10. L-attur kien gie akkuzat fi tlett proceduri:-
    (a) **Il-Pulizija (Spettur M. Bayliss) vs Andrew Ellul Sullivan et** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' April 1998;
    (b) **Il-Pulziija (Spettur M. Bayliss) vs Carmel sive Charles Ellul Sullivan et** deciza mill-istess qorti fil-25 ta' Gunju 1999;
    (c) **Il-Pulizija vs Roger Ellul Sullivan et** deciza mill-istess qorti fis-17 ta' April 2007.
11. Fl-24 ta' Novembru 2006 l-attur ippropona kawza kontra l-Avukat Generali (Rikors numru: 64/2006) fejn ilmenta minn ksur tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq fil-kaz **Il-Pulizija vs Roger Sullivan et**, li fihom kien wiehed mill-imputati. B'sentenza li nghatat fis-27 ta' Frar 2009 il-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), il-qorti laqghet it-talba tal-attur u ordnat li jinghata kumpens ta' tlett elef u hames mitt ewro (€3,500).
12. B'ittra datata 25 ta' Lulju 2007 (fol. 312) il-Kontrollur tad-Dwana gie nfurmat mill-Ufficcju tal-Prim'Ministru li:- *"The Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, has approved on 16 July 2007 that the amount of salary witheld during the period of his interdiction between 15 November 1991 and 26 March 1992 be refunded"*.
13. Fit-28 ta' Lulju 2007 l-attur lehaq l-eta pensjonabbli.

**Preskrizzjoni**.

Permezz ta' eccezzjoni ulterjuri l-konvenuti qalu li l-azzjoni tal-attur hi preskritta skond l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

L-attur argumenta li fil-konfront tad-Dwana l-preskrizzjoni hi ta' hames snin peress li bejniethom hemm relazzjoni kuntrattwali ta' principal u impjegat.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet li l-attur ipprezenta fit-30 ta' Awissu 2013 (fol. 348) hu ttratta l-materja ta' responsabbilta' a bazi tal-kulpa akwiljana. Fil-fatt ghamel riferenza ghall-Artikoli 1032 u 1033 tal-Kodici Civili. Kompla jghid li *"…. Huwa risaput illi* ***fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilta' extra-contrattuale*** *huwa l-attur li ghandu l-oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu ghaliex f'tali kaz huwa jrid jipprova n-nexus bejn l-agir tal-konvenut u d-dannu minnu soffert"* (fol. 354). Hawnhekk hu evidenti li l-azzjoni tal-attur hi mibnija fuq il-htija akwiljana. Sahansitra s-sottomissjonijiet li ghamel dwar id-danni li ghandu dritt ghalihom huma bbazati fuq l-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili.

Il-qorti tosserva li:-

(a) Dwar il-kawzi li gew decizi bis-sentenzi tas-17 ta' April 1998 u 25 ta' Gunju 1999, m'hemmx dubju li l-jedd ta' azzjoni ghad-danni hu preskritt. Il-kawza li qeghda tigi deciza llum giet intavolata **fit-22 ta' Lulju 2009**. Il-jedd ta' azzjoni li seta' kellu l-attur zgur li twieled hekk kif is-sentenzi saru gudikat.

(b) L-istess jinghad dwar l-ilment tal-attur fir-rigward tal-kawza **Il-Pulizija (Spettur M. Bayliss) vs Carmel sive Charles Ellul Sullivan et** deciza fis-17 ta' April 2007 (fol. 95), gialadarba li l-kawza li qeghda tigi deciza llum giet proposta fit-22 ta' Lulju 2009. Ghalkemm jirrizulta li fl-4 ta' Gunju 2009 l-attur ipprezenta protest gudizzjarju kontra l-konvenuti (fol. 3), ma jistax jiehu xi beneficcju minnu gialadarba l-perjodu ta' preskrizzjoni kien diga' ghadda.

**<u>Meritu</u>**.

Wara li l-qorti rat l-atti tosserva li:-

1. Hi l-qorti kompetenti li wara li tkun semghet u ghamlet apprezzament tal-provi, tiddeciedi jekk persuna hijiex hatja jew le tal-akkuzi. 'Il fatt li l-attur gie liberat mill-akkuzi ma jfissirx li din hi prova li l-proceduri kriminali *'ttiehdu inutilment'*, kif allega l-attur.

2. F'dan il-kaz kien irrizulta li hemm dokumenti ffirmati minn Henry Cassar li kien hemm *transhipment* ta' *container* u *trailers* u mbaghad kien instab li hargu minn Laboratory Wharf. Il-kaz kien gie investigat mill-pulizija. Fl-istqarrija jinghad:

*"Domanda: Minn dawn iz-zewg dokumenti iffirmati minnek jindika li dan it-trailer gie transhipped. Minn dokumenti ohra li ghandha fil-pussess taghha l-pulizija jirrizulta li dan l-istess Trailer iddahhal u nhatt Malta, u telaq vojt. Kif tista' tispjegah dan 'il fatt ?*
***Twegiba: Ma nistax nispjegah ghax ma nafx****"* (fol. 93);

Hu evidenti li mill-investigazzjoni li wettqet il-Pulizija kien irrizulta li f'din it-Taqsima kien qieghed isehh il-kuntrabandu.

3. Waqt il-proceduri kriminali l-qorti tat digriet fejn qalet li hemm kaz *prima facie* sabiex l-attur jitqieghed taht att ta' akkuza. Prova li fil-fehma tal-qorti turi li m'huwiex veru li l-proceduri kriminali ttiehdu inutilment. Sahansitra fl-ebda wahda mit-tlett sentenzi fuq imsemmija ma nghad li l-proceduri kriminali saru b'mod kappriccuz. Inoltre, fis-sentenza tas-17 ta' April 2007 il-qorti qalet li mill-provi rrizulta li: ***"Ma hemm ebda dubbju li gew kommessi diversi delitti sabiex isir kuntrabandu ta' prodotti hawn Malta."*** (fol. 119). Ghalkemm hu minnu li hadd ma nstab hati, jibqa' 'l fatt li l-qorti rrikonoxxiet li kien qieghed isir kuntrabandu. Fil-fehma tal-qorti dan fih innifsu juri li d-decizjoni li jittiehdu proceduri kriminali kontra numru ta' persuni ma kenitx xi decizjoni abbuziva.

4. Ma saret l-ebda prova li kien hemm xi ordni li l-attur ma jistax jaghmel sahra diment li kien qieghed jahdem fis-sezzjoni tal-Accounts. Fil-fatt l-attur stess xehed: *"Fl-accounts section domt sitt snin fejn* ***kwazi*** *qatt ma kelli l-opportunita' li naghmel overtime bhalma kont naghmel qabel meta kont Laboratory Wharf"* (fol. 57). Waqt il-kontroezami l-attur ikkonferma li fiz-zmien li kien jahdem fit-Taqsima tal-Accounts, meta kien ikun hemm bzonn kien jahdem is-sahra ***"…tant kien hemm xoghol b'lura"*** (fol. 273). Ghaldaqstant ma kienx hemm ordni ta' divjet ta' sahra fit-Taqsima fejn intbaghat jahdem l-attur. Ghalkemm jirrizulta li meta ntbaghat jadhem fil-Baggage Room kien hemm ordni li ma jahdimx sahra, din kienet tapplika biss ghall-perjodu bejn il-31 ta' Lulju 2000 u 25 ta' Settembru 2000 (ara Dok. SP14 u SP15 a fol. 206 u 207). Perjodu li l-qorti tqiesu bhala insinifikanti, minkejja li d-Direttur Generali (Dwana) ma tax spjegazzjoni ghalfejn inghatat.

5. Li impjegat jahdem is-sahra m'huwiex xi dritt awtomatiku. Skond ir-regolamenti li japplikaw ghall-attur, impjegat fis-servizz pubbliku, meta gie liberat mill-akkuzi kellu dritt li jircievi *"is-salarju bazi jew, skond il-kaz, il-paga bazi"*. Hlas li hu rcieva. Is-sahra ma tissemmiex.

6. Kif inghad fis-sentenza **Paul Micallef vs Kontrollur tad-Dwana** tal-31 ta' Ottubru 2012[2]: *"It-tqassim ta' xogħol fi ħdan kull Dipartiment hija waħda mis-setgħat mogħtija lil kull Direttur u tqassim bħal dak jaqa' fid-diskrezzjoni tiegħu li jibgħat f'dipartiment dawk il-ħaddiema li jidhirlu li jkunu l-aktar maqtugħa għal xogħol partikolari"*. Dan kien kaz fejn l-attur kien qieghed jiffaccja akkuzi serji. 'Il fatt li l-attur ma thalliex ikompli jaqdi d-dmirijietu f'Laboratory Wharf, fejn jidher li kien igawdi minn qliegh tajjeb minn sahra, kienet decizjoni tal-Kap tad-Dipartiment li kellu dritt li jiehu. Irrizulta kif f'dik it-Taqsima kien qieghed isir abbuz minhabba nuqqas ta' kontroll min-naha tal-ufficjali tad-Dwana u proceduri laxki. Fatti li ssemmew ukoll fis-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Fic-cirkostanzi l-qorti ma tara xejn irragonevoli fid-decizjoni li ttiehdet li l-attur jigi assenjat dmirijiet f'Taqsima li kienet meqjusa bhala inqas sensittiva minn Laboratory Wharf fejn kien hemm problemi evidenti ta' organizazzjoni. Ghalkemm hu veru li l-akkuzat hu prezunt innocenti, min-naha l-ohra r-realta' kienet li d-Direttur Generali (Dwana) kellu quddiemu ufficjali tad-Dwana li kienu akkuzati b'reati serji. Cirkostanza li bilfors kellu jikkunsidra meta jigi biex jiddeciedi dwar ix-xoghol li kellu jaghmel l-attur waqt li kienu pendenti l-proceduri kriminali u wara li tnehhiet l-interdizzjoni. Id-decizjoni li l-attur jintbaghat jahdem f'Taqsima li ma kenitx mejqusa bhala wahda daqstant sensittiva, ghalkemm fissret li l-attur ma jkollux l-opportunita' li jahdem l-istess kwantita ta' sahra li kien jaghmel f'Laboratory Wharf, kienet fic-cirkostanzi decizjoni prudenti li l-qorti tqies li ttiehdet ukoll fl-interess tas-Servizz Pubbliku. L-attur argumenta li *"… kieku t-trasferiment kien inghata biex ma jibqax f'sensitive area pendenti l-ezitu finali tal-kawza kriminali, certament li ma kienx jintbaghat fl-accounts section fejn kienu jghaddu hafna flus minn taht idejh"* (fol. 356). Fil-fehma tal-qorti dan hu argument mhux sorrett mill-provi. F'dan ir-rigward issir riferenza ghal dak li xehed Carmel Camilleri fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2013 (fol. 338 *et seq*).

7. F'nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri li pprezenta fit-30 ta' Jannar 2014, l-attur jilmenta li l-ko-akkuzati l-ohra kienu baqghu jahdmu fid-Dipartiment tal-Customs and Excise filwaqt li hu gie trasferit f'Taqsima totalment differenti. Mill-atti ma hemmx provi dwar x'sar fil-kaz ta' Mario Attard, Charles Abela u Angelino Abela u l-qorti m'hijiex f'posizzjoni li tasal ghal xi gudizzju. Dan apparti li l-ilmenti li ressaq fir-rikors guramentat, u li dwarhom trid tiddeciedi l-qorti, m'hemmx xi allegazzjoni ta' diskriminazzjoni bejn l-attur u l-kollegi tieghu tax-xoghol li bhalu gew akkuzati b'reati waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

8. Ghal dak li jikkoncerna d-dewmien, dan l-ilment diga' gie ndirizzat fil-kawza 64/2006 fl-ismijiet **Henry Cassar vs Avukat Generali** deciza fis-27 ta' Frar 2009. Fir-realta' mill-provi rrizulta li dan kien kaz kumpless u kien hemm numru konsiderevoli ta' xhieda u dokumenti li tressqu bhala provi. Fl-imsemmija sentenza stess il-qorti qalet:- *"… taqbel li dan kien kaz kompless u kif qalet il-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha tas-17 ta' April 2007 il-Pulizija u d-Dwana zvolgew investigazzjoni komplessiva li rrizultat li f'dan il-*

[2] Prim'Awla (Imhallef Joseph R. Micallef).

*kaz u kazijiet ohra li kienu jinvolvu volumi enormi ta' provi".* Kif inghad f'dik is-sentenza wara li fl-1991 l-attur gie akkuzat, ma' ohrajn, fl-4 ta' Awissu 1995 nqraw l-Artikoli u l-imputati wiegbu li jaghtu l-kunsens taghhom biex il-kaz jinstema' u jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Imbaghad fit-13 ta' Novembru 1998 id-difiza ghalqet il-provi u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tad-29 ta' Jannar 1999. Fir-realta' l-problema kienet li l-kawza damet iktar minn 8 snin tigi differita ghas-sentenza. Haga li l-konvenuti ma kellhom l-ebda kontroll fuqha.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti kif fuq spjegat.**
2. **Fil-meritu tichad it-talbiet tal-attur.**

**Bl-ispejjez kontra l-attur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------